

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Smigħ ta' xhieda

Smigħ ta' xhieda

Malta

1 L-oneru tal-provi

1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

L-oneru tal-provi hija mitfugħa fuq min jallegga u dan jidher ċar fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fl-Artikolu 562: 'l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah'.

1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Iva hemm regoli u dawn huma regolati taħt l-Artikolu 627 et seq tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-Artikolu 627 isemmi dokumenti li jistgħu jinġibu bħala prova u li m'għandhomx jiġu ppruvati li huma awtentiċi, fosthom:

I-atti tal-Gvern ta' Malta, iffirmati mill-Ministru jew mill-kap tad-dipartiment li minnu jkunu haġġu, jew, fl-assenza ta' dan, mid-deputat, assistent jew uffiċjal ieħor li jiġi warajh fil-grad, awtorizzat li jiffirma dawk l-atti;

ir-reġistri ta' dipartiment tal-Gvern ta' Malta;

l-atti pubbliċi kollha iffirmati mill-awtoritajiet kompetenti, u maħruġin fil-Gazzetta tal-Gvern;

l-atti tal-Gvern ta' Malta, stampati bl-awtorità tal-Gvern u ppubblikati regolarment;

l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja u tal-qrati ekkleżjastiċi ta' Malta;

iċ-ċertifikati maħruġin mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku u mir-Registatur tal-Artijiet;

it-testimonjal magħmul taħt l-awtorità tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla;

dokumenti oħra msemmija fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (fosthom ċertifikat ta' reġistrazzjoni li hi iffirmata mir-reġistratur jew minn uffiċjal xieraq ieħor u kull ħaġġa mniżżla fuq ċertifikat ta' reġistrazzjoni li tidher li hi iffirmata mir-reġistratur jew minn uffiċjal xieraq ieħor).

Hemm dokumenti oħra li jistgħu jiġu ppreżentati u li l-kontenut tagħhom huwa eżentat mill-oneru tal-provu, iżda jrid jiġi ppruvat l-awtentiċità tiegħu u dawn jinkludu:

l-atti u r-reġistri ta' stabbilimenti, jew korpi pubbliċi, awtorizzati jew magħrufa mil-liġi jew mill-Gvern;

l-atti u r-reġistri tal-parroċċi dwar twelid, żwieġ, u mewt, u d-disposizzjonijiet magħmula skont il-liġi quddiem kappillan;

l-atti u r-reġistri tan-nutara pubbliċi ta' Malta;

il-kotba tal-kummerċjanti, miżmumin skont il-liġi, għall-prova biss tal-konvenzjonijiet jew ta' operazzjonijiet kummerċjali oħra;

il-kotba tas-sensali pubbliċi miżmumin skont il-liġi, għall-prova ta' dak li jkun għadda bejn il-kontraenti f'affarijiet kummerċjali.

Il-kontenut ta' dawn diversi tipi ta' dokumenti jista' jiġi ppruvat kuntrarju.

Barra dawn id-dokumenti, hemm preżunzjoni oħra li hija regolata taħt il-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Ċivili, li tarbija mwielda fiż-żwieġ hija tar-raġel tal-mara. Dan jista' jiġi ppruvat li l-preżunzjoni legali mhix valida billi jagħmel rikors ġuramentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u jipprova li dik il-preżunzjoni mhix valida.

1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Fiċ-ċivil il-livell biex il-Qorti tkun sodisfata bil-provi mressqa u li tkun tista' tingħata sentenza huwa dak ta' bilanċ ta' probabilitajiet.

2 Is-smigħ tal-provi

2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Kull waħda mill-partijiet fil-kawża, ikun xi jkun l-interess tagħha, tista' tixhed, sew b'talba tagħha nfisha, kemm b'talba ta' waħda oħra mill-partijiet fil-kawża, inkella jekk imsejja mill-qorti *ex officio*. Meta l-proċedura tinbeda permezz ta' rikors ġuramentat, huwa obbligatorju li ssir lista tax-xhieda. L-istess jingħad għat-tweġiba u cioe' illi fir-risposta ġuramentata trid tinkludi l-lista tax-xhieda. Ikun biss jekk il-parti jkollha bżonn ix-xhieda ta' xhud mhux indikat li għandu jiġi preżentat rikors f'dan is-sens.

2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Wara li r-rikors għall-ġbir tal-provi tintlaqa', ix-xhieda jiġu mħarrkin biex jidher bil-mezz ta' mandat maħruġ fuq rikors tal-parti li trid iġġibhom. It-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, tista' ssir bil-fomm.

2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-qorti tista' tiċħad ir-rikors għall-ġbir tal-provi meta l-persuna mħarka tkun avukat, prokuratur legali u saċerdot. Barra minnekk, bħala regola, ebda persuna preżenti waqt is-smigħ ta' kawża ma tista' tinġieb bħala xhud fl-istess kawża; iżda hu mħalli fid-diskrezzjoni tal-qorti li, għal raġuni tajba, tiddispensa minn din ir-regola, f'każijiet partikolari. Hemm ukoll applikaw liġijiet speċjali li jirregolaw is-segretezza uffiċjali u ma jippermettux żvelar ta' informazzjoni sigrieta u kunfidenzjali. Magħdud ma' dan, it-talba tista' tiġi miċħuda jekk il-Qorti jidherha li x-xhud mhux xhud pertinenti.

2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Hemm tlett tipi ta' provi li jistgħu jitressqu u dawn huma: dokumenti, viva voce u affidaviti.

2.5 X'inhuma l-mezzi biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Ir-regola ġenerali hi li l-eżami tax-xhieda fis-smigħ tal-kawża għandu jsir fil-qorti bil-miftuħ u *viva voce*. Iżda l-liġi tipprovdi modi ta' ġbir ta' provi oħra li jistgħu jiġu użati:

Xhieda tista' tiġi ppreżentata b'affidavit, kemm jekk ix-xhud jgħix Malta kif ukoll jekk jgħix barra minn Malta;

Persuna li tkun sejra titlaq minn Malta jew tkun marida jew imdaħħla fiż-żmien li tista' tmut jew issir inkapaċi li tixhed qabel iż-żmien li fih għandha tinsama' dik il-kawża, inkella ma tkunx tista' tidher fis-smigħ tal-kawża, il-qorti tista', tinkariga assistant ġudizzjarju biex jisma' lil dik il-persuna, u f'dak il-każ, il-mistoqsijiet magħmulin lix-xhud, flimkien mat-tweġibiet li jagħti, għandhom jiġu mniżżla bil-miktub, u x-xhud għandu jiffirma x-xhieda jew jagħmel salib flok il-firma;

Il-Qorti tista' tinnomina wkoll Imħallief Supplenti sabiex jisma' xhud partikolari speċjalment f'każ ta' xhieda li ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom fuq raġunijiet ta' eta'.

Jekk xhud tkun qed tirisjedi barra minn Malta, l-avukat permezz ta' rikors jista' jagħmel talba għas-smiġħ (talba rogatorja) - il-parti li titlob is-smiġħ ta' dan ix-xhud għandha ġġib il-mistoqsijiet magħmulin bil-miktub, u tagħti l-isem u l-indirizz tal-persuna li għandha tidher għaliha waqt is-smiġħ tax-xhud;

Il-qorti tista' jekk tqis li jkun hekk xieraq, tippermetti l-irrekordjar fuq tejp jew fuq *video* ta' xi xiehda meħtieġa minn xhud;

Il-qorti tista' tagħti inkarigu lill-periti, fejn tagħtihom is-setgħa li jsimgħu xhieda u li jagħtu l-ġurament

Meta perit jiġi inkarigat bil-ġbir ta' provi, dan ta' l-aħħar għandu l-istess mezz bħal ma għandhom il-qrati.

2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Il-mezzi ta' prova kollha miġjuba huma meqjusa ta' importanza ugwali.

2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Le, iżda dejjem trid tinġieb l-aħjar prova.

2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Iva l-liġi tobbliga lil kull xhud li jiġi mħarrek biex jixhed iżda xhud ma jistax jiġi mġiegħel iwieġeb għal mistoqsijiet, meta t-tweġiba għalihom tkun tista' tissugġettah għal proċeduri kriminali.

2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Ir-raġel jew il-mara tal-parti f'kawża jistgħu jixhdu u jistgħu jkun mġiegħla jixhdu f'dik il-kawża fuq talba ta' kull min ikun mill-partijiet. Iżda ir-raġel ma jistax jkun mġiegħel jikkex xi ħaġa li l-mara tkun fdat miegħu matul iż-żwieġ, u vica versa, u anqas jista' r-raġel jew il-mara jkun mġiegħla jwieġbu għal mistoqsija meta t-tweġiba tista' tissuġġetta lill-mara tiegħu jew l-ir-raġel tagħha għall-proċeduri kriminali.

Fatti oħra li huma eżenti jinkludu dawk il-fatti li jkun għew fdati lill-avukat u l-prokuratur legali u lis-saċerdot. Iżda jekk l-avukat jew l-prokuratur legali iġib il-kunsens tal-klijent u s-saċerdot iġib il-kunsens tal-persuna li tkun għamlet il-qrara, dawn jistgħu jiġu mistoqsija fuq f'wejjeġ li jkun saru jafu (dejjem bil-kunsens), l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkun għew fdati lilhom mill-klijent għall-finijiet tal-kawża, u s-saċerdot billi jkun għe jafhom taħt is-sigriet tal-qrar jew bħala qrar.

Flief bl-ordni tal-qorti, ebda *accountant*, tabib jew ħaddiem soċjali, psikologu jew *marriage counsellor* ma jista' jiġi mistoqsi fuq f'wejjeġ li jkun sar jaf mill-klijent tiegħu taħt sigriet professjonali jew li seta' sar jaf bihom fil-kapaċità professjonali tiegħu. Dan il-privileġġ igħodd ukoll għall-interpretu li jkun għe mqabbd sabiex jistgħu jsiru dawk il-fwejjeġ sigrieti.

Xhud marbut bis-segretezza uffiċjali ma jistax jiżvela informazzjoni sigrieta u kunfidenzjali, flief f'ċertu ċirkostanzi skond il-liġi partikolari li tapplika f'dak il-każ.

2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Jekk xhud, imħarrek regolament, ma jidhirx meta jiġi msejjaħ, huwa jsir haṭi ta' disprezz għall-awtorità tal-qorti u jiġi minnufih ikkundannat bħala haṭi u jiġi mmultat. Il-qorti tista' wkoll, b'mandat ta' skorta jew ta' arrest, iġġiegħlu jidher biex jagħti x-xiehda tiegħu f'udjenza sussegwenti. Iżda il-qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba ta' sodisfazzjon tagħha, taħfer il-multa inflitta.

2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Kull min hu f'sensieħ, meta ma jkun hemm ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza tiegħu, jista' jinġieb bħala xhud. Tkun liema tkun l-età tax-xhud li sejjer jinġieb, hu jista' jinġieb bħala xhud, basta jkun jaf li hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz.

2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallief u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezz tekniki oħrajn?

Il-qorti tista', f'kull waqt tal-eżami jew tal-kontro-eżami, tagħmel lix-xhud dawk il-mistoqsijiet li jidhrilha meħtieġa jew spedjenti. Min-naħa l-oħra, kull waħda mill-partijiet fil-kawża, ikun xi jkun l-interess tagħha, tista' tixhed, sew b'talba tagħha nfisha, kemm b'talba ta' waħda oħra mill-partijiet fil-kawża, inkella jekk imsejjaħ mill-qorti *ex officio*.

Fi kwistjonijiet li jinvolvu minuri, għeneralment l-imħallief jisma' lill-minuri *in camera* jew jiġi maħtur Avukat tat-Tfal sabiex jisma' lill-minuri.

Xhud jinstema' b'vidjokonferenza meta jkun jgħix barra minna Malta.

3 Il-valutazzjoni tal-provi

3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Meta prova ma tkunx inkisbet b'mod illegali, il-qorti ma jkollix restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha. L-unika eċċezzjoni hija li bħala regola, il-qorti ma tiñux konjizzjoni ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li għe jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.

3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva dikjarazzjoni ta' parti fil-kawża hija ammissibli.

L-aħħar aġġornament: 22/03/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.